Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,456, 7 ta' Awwissu, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XL tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar Rifuġjati, Kap. 420.

ACT No. XL of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Refugees Act, Cap. 420.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

7 ta' Awwissu, 2020

ATT Nru XL tal-2020

ATT sabiex jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati, Kap. 420.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ liġi b'dan li ġej:

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
Emendi tal-Att dwar ir-Rifuġjati

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar ir-Rifuġjati u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ir-Rifuġjati, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar ir-Rifuġjati. Kap. 420.

3. Fl-artikolu 1 tal-Att prinċipali, il-kelma "ir-Rifuġjati" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "il-Protezzjoni Internazzjonali". Emenda tal-artikolu 1 tal-Att prinċipali.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "applikant", il-kliem "deċiżjoni finali dwarha mill-Kummissarju jew mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "deċiżjoni finali dwarha mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali jew mit-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali;";

(b) it-tifsira "applikazzjoni manifestament infondata" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "applikazzjoni manifestament infondata" tfisser applikazzjoni li fir-rigward tagħha:

(a) l-applikant, meta ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu u ppreżenta l-fatti, qajjem biss kwistjonijiet li mhumiex rilevanti għall-eżami dwar jekk jikkwalifikax bħala benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali; jew

(b) l-applikant ikun minn pajjiż ta' oriġini sigur; jew

(ċ) l-applikant ikun qarraq bl-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm informazzjoni jew dokumenti rilevanti rigward l-identità u / jew in-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni; jew

(d) huwa probabbli li, b'intenzjoni, l-applikant qered jew iddispona minn dokument ta' identità jew ivvjaġġar li setgħa għen biex tiġi stabbilita l-identità jew iċ-ċittadinanza tiegħu; jew

(e) l-applikant għamel b'mod ċar rappreżentazzjonijiet inkonsistenti u kontradittorji, li huma foloz jew ovvjament improbabbli li jikkontradixxu informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini vverifikata, u b'hekk jidher ċar li t-talba tiegħu mhix konvinċenti fir-rigward ta' jekk jikkwalifikax bħala benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali; jew

(f) l-applikant introduċa applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali li mhux inammissibbli skont l-artikolu 24 (1)(e); jew

(g) l-applikant ikun qiegħed jagħmel

applikazzjoni sempliċiment biex idewwem jew jiffrustra l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti jew imminenti li tirriżulta fit-tneħħija tiegħu; jew

(h) l-applikant iddaħħal Malta b'mod illegali jew tawwal iż-żjara tiegħu illegalment u, mingħajr raġuni ġusta, ma ppreżentax lilu nnifsu lill-awtoritajiet jew ma jkunx għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali mill-aktar fis possibbli, minħabba ċ-ċirkostanzi tad-dħul tiegħu; jew

(i) l-applikant jirrifjuta li jikkonforma mal-obbligu li jittieħdu l-marki tas-swaba' tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; jew

(j) l-applikant jista', għal raġunijiet serji, jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku, jew l-applikant ġie mkeċċi bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku taħt il-liġi nazzjonali.";

(ċ) it-tifsira "awtorità li tiddeċiedi" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità li tiddeċiedi" tfisser l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali;";

(d) it-tifsira "il-Bord" għandha tiġi mħassra;

(e) it-tifsira "il-Kummissarju" għandha tiġi mħassra;

(f) minnufih wara t-tifsira "status ta’ rifuġjat" għandu jiżdied it-tifsir ġdid li ġej:

" "it-Tribunal" tfisser it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali kif stabbilit bl-artikolu 5;

"l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 4 u tinkludi, sa fejn u l-awtorità mogħtija, kwalunkwe persuna oħra awtorizzata temporanjament sabiex taġixxi f’ismu mill-Ministru;".

Emenda tat-titolu tat-Taqsima II tal-Att prinċipali.

5. It-titolu tat-Taqsima II tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Uffiċjal Kap Eżekuttiv".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "Kummissarju għar-Rifuġjati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Uffiċjal Kap Eżekuttiv";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "l-Kummissarju għar-Rifuġjati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kelma "Il-Kummissarju" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kelma "Il-Kummissarju" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv";

(e) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kelma "Kummissarju" kull fejn tokkorri għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Uffiċjal Kap Eżekuttiv";

(f) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "dak l-għadd ta’ Assistenti Kummissarji għar-Rifuġjati (hawn iżjed ’il quddiem msejħa Assistenti Kummissarji)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Deputat tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv (hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ id-Deputat)";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "L-Assistenti Kummissarji jinħatru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Id-Deputat jinħatar"; u

(iii) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Id-Deputat għandu jkollu, taħt it-tmexxija ġenerali tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, il-funzjonijiet u setgħat bħal dawk mogħtija lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv b'dan l-Att, u li jiġu assenjati lilu mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, inklużi l-funzjoni u s-setgħa li jeżamina applikazzjonijiet għal status ta' rifuġjat u li jamministra l-ġurament lil kull persuna, u kwalunkwe referenza f'dan l-Att, minbarra dan l-artikolu, għall-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandha titqies li tinkludi wkoll referenza għad-Deputat filwaqt li jkun qiegħed jeżerċita kwalunkwe funzjoni lilu mogħtija mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv.".

7. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

"5. (1) It-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali għandu jkun magħmul minn chairperson full-time u żewġ (2) membri jew aktar part-time li jkunu maħtura mill-President li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru minn fost persuni li jkunu ta' integrità magħrufa u li jidhrulu li jkunu kwalifikati minħabba f'li kellhom esperjenza, u wrew ħila, f'suġġetti li jitqiesu adattati għal dak l-iskop:

Iżda mill-inqas wieħed (1) mill-membri tat-Tribunal għandu jkun persuna li tkun eżerċitat ta' avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw, b'kollox, għal mhux inqas minn seba' (7) snin:

Iżda wkoll wieħed (1) mill-membri għandu jkun persuna li tirrappreżenta s-settur tad-diżabilità.

(2) Il-President li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru, jista' jaħtar aktar minn chairperson wieħed (1) fit-Tribunal, iżda f'kull każ partikolari joqgħod chairperson wieħed (1) biss.

(3) Il-membri tat-Tribunal għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' tliet (3) snin, u għandhom ikunu eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid.

(4) Il-persuni maħtura bħala membri tat-Tribunal għandhom jokkupaw il-kariga sakemm jinħatru s-suċċessuri tagħhom.

(5) It-Tribunal għandu jkun magħmul minn kamra (1) jew aktar. Kull kamra għandha tikkonsisti minn chairperson u żewġ (2) membri oħra.

(6) It-Tribunal għandu jkun assistit minn persunal amministrattiv magħmul minn tal-inqas żewġ (2) segretarji.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"6 Membru tat-Tribunal jista' biss jitneħħa mill-kariga mill-President li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru minħabba fi traskuraġni gravi, inkompetenza, jew atti, ommissjonijiet jew imġiba li ma jixirqux lil membru tat-Tribunal.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (4) sa (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) sa (5) rispettivament u s-subartikolu (7) sa (10) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (8) sa (11) rispettivament;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "Il-Bord ikollu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra rakkomandazzjoni tal-Kummissarju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "It-Tribunal għandu jkollu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali";

(ċ) is-subartikolu (1A) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "jista' jsir" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandu jsir"; u

(ii) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "mill-President tal-Bord tal-Appelli għar-Rifuġjati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "miċ-chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali";

(d) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Appelli lit-Tribunal għandhom isiru fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata minn meta ssir in-notifika tad-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali lill-applikant. Kopja tal-appell għandha tiġi notifikata lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv:

Iżda t-Tribunal jista' jassumi li l-applikant ikun impliċitament irtira r-rikors tal-appell tiegħu meta jiġi żgurat li:

(a) huwa jkun naqas milli jipprovdi informazzjoni essenzjali għall-appell li jkun qiegħed jagħmel kemm-il darba l-applikant ma jurix, fi żmien raġonevoli, li n-nuqqas tiegħu seħħ minħabba f'ċirkostanzi li ma setax jikkontrolla;

(b) huwa jkun abbanduna jew telaq mingħajr ma kien awtorizzat mill-post fejn kien joqgħod jew fejn kien qiegħed jinżamm, mingħajr ma għarraf lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien raġonevoli jew ma jkunx, fi żmien tletin (30) ġurnata, ħares id-dmir li kellu li jirrapporta jew xi obbligazzjoni oħra li seta' kellu biex jikkomunika.";

(e) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(f) fis-subartikolu (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "Il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "It-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali";

(g) is-subartikolu (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) It-Tribunal jista' jagħmel smigħ orali jekk jidhirlu li huwa xieraq. Seduti orali bħal dawn għandhom jinżammu fil-magħluq, sakemm it-Tribunal ma jawtorizzax li seduta tkun pubblika, wara talba minn waħda mill-partijiet, jew jekk it-Tribunal jidhirlu li jkun xieraq.";

(h) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) It-Tribunal għandu jitlob lill-applikanti li jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub f'mhux aktar minn ħmistax (15)-il jum wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-appell. Is-sottomissjoni għandha ssir mingħajr preġudizzju għall-preżentazzjoni ta' evidenza addizzjonali, partikolarment dokumentazzjoni li ma setgħetx tkun disponibbli meta kienet saret is-sottomissjoni matul il-proċeduri.

(7) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 23, it-Tribunal għandu jiżgura li kull każ jiġi konkluż fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-appell.

F'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' fatt

jew liġi, il-limitu ta' żmien stabbilit fis-subartikolu (1) jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' tliet (3) xhur. Dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż biss meta minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali jkun impossibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dwar l-appell fi żmien sitt (6) xhur.";

(i) fis-subartikolu (8), kif enumerat mill-ġdid, il-kelma "tal-Bord" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "tat-Tribunal";

(j) is-subarikolu (9), kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Bla ħsara għar-regolamenti magħmula taħt l-artikolu 25(1)(b), it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu. It-Tribunal għandu wkoll permezz tal-President ikollu s-setgħa li jamministra l-ġurament lil kull persuna li tidher quddiemu."

(k) fis-subartikolu (10), kif enumerat mill-ġdid, il-kelma "tal-Bord" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "tat-Tribunal"; u

(l) fis-subartikolu (11), kif enumerat mill-ġdid, il-kelma "l-Bord" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "t-Tribunal" u l-kliem "il-Kummissarju għandu joħroġ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha toħroġ".

Emenda tal-artikolu 7A tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 7A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "lill-Kummissarju għar-Rifuġjati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali"; u

(b) fis-subartikolu (8) tiegħu, il-kliem "il-Kummissarju għar-Rifuġjati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

11. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali, il-kliem "lill-Kummissarju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Aġenżija għall-Protezzjoni Internazzjonali".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

12. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Persuna li tkun ġiet avżata li ma tkunx għad għandha status ta' rifuġjat ikollha jedd tappella kontra dik id-deċiżjoni fit-Tribunal fi żmien ħmistax (15)-il jum minn dak l-avviż u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 għandhom ikunu japplikaw

mutatis mutandis għal dak l-appell. Id-deċiżjoni tat-Tribunal tkun waħda finali.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Revoka ta', tmiem ta' jew ċħid għal tiġdid ta' status ta' rifuġjat.

10. (1) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tirrevoka, ittemm jew tiċħad li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, jekk ikun waqaf milli jikkwalifika għall-istatus ta' rifuġjat skont l-artikolu 9.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dmir tar-rifuġjat li jiżvela l-fatti kollha u jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tkun intitolata li turi li l-persuna kkonċernata waqfet milli tkun jew qatt ma kienet tikkwalifika għall-istatus ta' rifuġjat skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tirrevoka, ittemm jew tiċħad li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jekk, wara li jkun ingħata l-istatus ta' rifuġjat, ikun stabbilit li:

(a) huwa għandu jkun jew huwa eskluż milli jkun rifuġjat skont l-artikolu 12;

(b) il-preżentazzjoni ħażina jew l-ommissjoni ta' fatti, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti tal-istatus ta' rifuġjat.

(4) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tirrevoka, ittemm jew tiċħad li ġġedded l-istatus mogħti lil rifuġjat meta:

(a) ikun hemm bażi raġonevoli biex jiġi kkunsidrat bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali;

(b) billi jkun instab ħati ta' sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, jikkostitwixxi periklu għall-komunità.

(5) Persuna li l-istatus ta' rifuġjat tagħha qiegħed jiġi kkunsidrat mill-ġdid għandha tkun infurmata bil-miktub li l-kwalifika tagħha għall-istatus ta' rifuġjat qiegħda tiġi kkunsidrata mill-ġdid, tingħata raġunijiet għal din il-kunsiderazzjoni mill-ġdid u tingħata l-opportunità li tissottometti, f'intervista personali jew f'dikjarazzjoni bil-miktub, ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-istatus ta' rifuġjat tagħha ma għandux jiġi rtirat.

(6) Persuna, li fir-rigward tagħha l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tkun irrevokat jew ċaħdet li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat, għandha tkun intitolata tappella kontra r-revoka fit-Tribunal fi żmien ġimgħa minn meta tkun ġiet notifikata bir-revoka, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, il-kelma "Trattament" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Applikazzjonijiet għall-Protezzjoni Internazzjonali";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Persuna li tkun qiegħda tfittex protezzjoni internazzjonali f'Malta tista' tapplika għand l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali skont il-formola preskritta għal dikjarazzjoni bħal dik u għandha tiġi intervistata mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali kemm jista' jkun malajr."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tgħarraf minnufih lill-awtoritajiet kompetenti kull meta minuri li ma jkunux għalaq it-tmintax (18)-il sena u ma jkunx akkumpanjat jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

15. Fl-artikolu 16 tal-Att prinċipali, il-kelma "Il-Kummissarju" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "Il-Kummissarju" u "l-Kummissarju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kliem "Il-Kummissarju għar-Rifuġjati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali".

17. Minnufih wara l-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

"Protezzjoni umanitarja temporanja.

17A. (1) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tiddikjara li protezzjoni umanitarja temporanja tingħata lil applikant għal protezzjoni internazzjonali li ma jikkwalifikax għall-istatus ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja, iżda li hu meqjus li jikkwalifika għall-protezzjoni għal raġunijiet umanitarji. Din il-protezzjoni umanitarja temporanja tista' tingħata lil:

(a) minuri mhux akkumpanjat li ma jistax jintbagħat lura fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu skont il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri;

(b) applikant li huwa marid terminali jew ibati minn kundizzjoni medika serja jew li permezz tagħha jista' jitlef ħajtu u din il-kundizzjoni ma tistax tiġi kkurata fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant jew fil-pajjiż tar-residenza abitwali fil-każ ta' persuni apolidi, jew jekk it-trattament huwa disponibbli, huwa ma jkollux aċċess għal dan it-trattament; u

(ċ) applikant li ma jistax jintbagħat lura minħabba konsiderazzjonijiet umanitarji oħra. Konsiderazzjonijiet bħal dawn jistgħu jinkludu, *inter alia*, każijiet ta' diżabilità serja li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-abilità tal-applikant sabiex jgħix ħajja normali:

Iżda ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida huma esklużi milli jkunu eliġibbli għal protezzjoni umanitarja temporanja meta jkun hemm raġunijiet serji li juru li:

(a) ikun wettaq delitt kontra l-paċi, delitt tal-gwerra, jew delitt kontra l-umanità, kif definit fl-istrumenti internazzjonali li jipprovdu dispożizzjonijiet fir-rigward ta' dawn id-delitti jew huwa persuna li tinstiga jew tipparteċipa b'xi mod ieħor fil-kummissjoni ta' dawn id-delitti; jew

(b) ikun ikkommetta delitt serju; jew

(ċ) kien ħati ta' atti li huma kontra l-iskopijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif stabbiliti fil-Preambolu u l-Artikoli 1 u 2 taċ-Charter tan-Nazzjonijiet Uniti; jew

(d) ikun jikkostitwixxi periklu għall-komunità jew għas-sigurtà nazzjonali:

Iżda l-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) għandhom japplikaw ukoll għal persuni li jinstigaw jew li jipparteċipaw mod ieħor fil-kummissjoni tad-delitti jew atti msemmija hawnhekk:

Iżda wkoll id-deċiżjoni dwar l-għoti ta' protezzjoni umanitarja temporanja għandha tingħata flimkien mad-determinazzjoni formali li l-applikant ma jissodisfax il-kriterji ta' rifuġjat jew ta' benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja taħt dan l-Att:

Iżda wkoll il-protezzjoni umanitarja temporanja tista' tiġi kkunsidrata wkoll fir-rigward ta' applikanti li l-applikazzjoni tagħhom ġiet miċħuda minn deċiżjoni finali, li jagħmlu talba għal protezzjoni umanitarja temporanja u li jaqgħu taħt waħda mir-raġunijiet elenkati fis-subartikolu (1):

Iżda wkoll ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li fiha ma tingħatax protezzjoni umanitarja temporanja.

(2) L-istatus jista' jiġi revokat, mitmum jew ma jiġix imġedded kull meta l-kondizzjonijiet li taħthom ingħata ma jibqgħux jeżistu, jew jekk wara li tkun ingħatat protezzjoni umanitarja temporanja, il-benefiċjarju kien imissu jiġi jew ġie eskluż milli jkun eliġibbli għal protezzjoni umanitarja temporanja skont is-subartikolu (1):

Iżda l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi l-proċeduri meħtieġa sabiex tiżgura li applikant jikkwalifika għall-protezzjoni umanitarja temporanja u li jkun għadu jissodisfa l-kriterji meħtieġa ta' eliġibbiltà:

Iżda wkoll ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li tirrevoka, ittemm jew ma ġġeddidx protezzjoni umanitarja temporanja.

(3) Deċiżjoni mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li tiddikjara applikant għall-protezzjoni internazzjonali benefiċjarju ta' protezzjoni umanitarja temporanja għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-applikant li jappella d-deċiżjoni fejn ma ngħatax status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja:

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-benefiċjarji ta' protezzjoni umanitarja temporanja.".

18. Fl-artikolu 21 tal-Att prinċipali, il-kelma "il-Kummissarju" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali". Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

19. L-artikolu 22 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

"Revoka ta', tmiem ta' jew ċħid ta' tiġdid ta' status ta' protezzjoni sussidjarja.

22. (1) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tirrevoka, ittemm jew tiċħad li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jekk ma jibqax eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja skont l-artikolu 21.

(2) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tirrevoka, ittemm jew tiċħad li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jekk wara li jkun ingħata l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, kellu jkun eskluż milli jkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja.

(3) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jekk:

(a) wara li jkun ingħata status ta' protezzjoni sussidjarja, messu ġie eskluż milli jkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

(b) il-preżentazzjoni ħażina jew l-ommissjoni ta' fatti, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja.

(4) Persuna li l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja tagħha qiegħed jiġi kkunsidrat mill-ġdid, għandha tkun infurmata bil-miktub li l-kwalifika tagħha bħala benefiċjarju ta' status ta' protezzjoni sussidjarja qiegħda tiġi kkunsidrata mill-ġdid, tingħata raġunijiet għal din il-konsiderazzjoni mill-ġdid u tingħata l-opportunità li tissottometti, f'intervista personali jew f'dikjarazzjoni bil-miktub, ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja tagħha ma għandux jiġi rtirat.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dmir taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida biex tiżvela l-fatti kollha rilevanti u tipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tkun intitolata li turi li l-persuna kkonċernata waqfet milli tkun jew mhix eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja skont is-subartikoli (1), (2) u (3) ta' dan l-artikolu.

(6) Persuna li fir-rigward tagħha l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tkun irrevokat jew ċaħdet li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja, għandha tkun intitolata tappella kontra r-revoka fit-Tribunal fi żmien ġimgħa minn meta tkun ġiet notifikata bir-revoka, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

20. L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "*prima facie*" għandhom jiġu mħassra;

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "l-Kummissarju" u "il-Kummissarju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali"; il-kliem "*prima facie*" għandhom jiġu mħassra; u l-kelma "jirrakkomanda" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "jiddeċiedi";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kelma "Ir-rakkomandazzjoni" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Id-deċiżjoni"; il-kliem "President tal-Bord" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali"; il-kelma "r-rakkomandazzjoni" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "d-deċiżjoni"; u l-kelma "Kummissarju" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali";

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "tal-President tal-Bord" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali" u l-kelma "il-Bord" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "it-Tribunal";

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem "il-President tal-Bord" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali" u l-kelma "Kummissarju" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali"; u

(f) fis-subartikolu (8) tiegħu, il-kliem "*prima facie*" għandhom jiġu mħassra.

21. L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) l-applikant għamel applikazzjoni sussegwenti, fejn l-ebda elementi jew konklużjonijiet ġodda relatati mal-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, ma nqalgħu jew ma ġew preżentati mill-applikant skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) tal-artikolu 7A;";

(ii) fil-paragrafu (e) tiegħu, minnufih wara l-kliem "applikazzjoni separata;" għandha tiżdied il-kelma "jew";

(iii) fil-paragrafu (f) tiegħu, il-kliem "f'dak il-pajjiż; jew" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'dak il-pajjiż."; u

(iv) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kelma "Il-Kummissarju" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali".

22. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali, il-kliem "jirregolaw bi ftehim mal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati appelli taħt dan l-Att quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jirregolaw bi ftehim mat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali appelli taħt dan l-Att quddiem it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali". Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

TAQSIMA II
Emendi Konsegwanzjali tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta’ Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali

Emendi għar-Regolamenti dwar l-Istandards ta’ Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali. L.S. 420. 07.

23. Din it-Taqsima temenda r-Regolamenti dwar l-Istandards ta’ Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali u għanda tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Istandards ta’ Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Emendi ġenerali.

24. (a) Fir-regolamenti prinċipali, kwalunkwe referenza għal "Kummissarju" li tfisser il-"Kummissarju għar-Rifuġjati" u għall-"Kummissarju tar-Rifuġjati" għandha tinqara u tinftiehem, wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Att, bħala referenza għall-"Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali"; u

(b) Fir-regolamenti prinċipali, kwalunkwe referenza għall-"Bord" li tfisser "Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati" għandha tinqara u tinftiehem, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, bħala referenza għat-"Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali".

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

25. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "l-Att" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali;";

(b) fit-tifsira "applikant", il-kliem "deċiżjoni finali mill-Kummissarju jew mill-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati rigward l-applikazzjoni;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "deċiżjoni finali mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali jew mit-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali rigward l-applikazzjoni;";

(ċ) it-tifsira "awtorità li tiddeċiedi" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità li tiddeċiedi" tfisser l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali;";

(d) it-tifsira "awtoritajiet kompetenti" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali;

(e) it-tifsira "il-Bord" għandha tiġi mħassra;

(f) it-tifsira "Kummissarju" għandha tiġi mħassra; u

(g) minnufih wara t-tifsira "rappreżentat" għandu jiżdied it-tifsir ġdid li ġej:

" "it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali" tfisser it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali kif imwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att;

"l-Uffiċjali Kap Eżekuttiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 4 tal-Att u tinkludi fil-limitu u l-awtorità mogħtija, kull persuna oħra temporanjament awtorizzata taġixxi f'ismu mill-Ministru;".

Emenda tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

26. Fis-subregolament (1) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "fil-fajl tal-applikant." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-fajl tal-applikant:" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tiddeċiedi li l-protezzjoni internazzjonali għandha tiskadi meta l-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali jkun irrinunzja inekwivokament għall-protezzjoni tiegħu. Ir-rinunzja inekwivoka għall-protezzjoni għandha tinkludi *inter alia*:

(a) dikjarazzjoni bil-miktub mill-benefiċjarju li tikkonferma li qed jirrinunzja għall-istatus tal-protezzjoni tiegħu; jew

(b) nuqqas ta' tiġdid ta' protezzjoni internazzjonali fi żmien tnax (12)-il xahar mill-iskadenza tal-validità tal-imsemmija protezzjoni jew tat-tiġdid tagħha:

Iżda wkoll f'każ li benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li jkun irrinunzja inekwivokament għall-protezzjoni tiegħu sussegwentement jagħmel talba personalment lill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali sabiex jerġa' jingħata l-istatus tal-protezzjoni internazzjonali tiegħu, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tirrevedi t-talba tiegħu sabiex tiddetermina jekk il-protezzjoni internazzjonali għandhiex tingħata għal darb'oħra, sakemm il-persuna kkonċernata tkun

għadha tissodisfa l-kriterji tal-eliġibilità u mhux eskluża mill-protezzjoni internazzjonali.".

Emenda tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

27. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kelma "il-Kummissarju" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali"; u

(b) il-proviso għas-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-eċċezzjoni msemmija f'dan ir-regolament tista' ssir biss sakemm l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali jew it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali ma jindikawx, permezz ta' avviż bil-miktub, li d-deċiżjoni tar-ritorn fir-rigward tal-persuna kkonċernata tkun se twassal direttament jew indirettament għal *refoulement*.".

Emenda tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

28. Is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iii) skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż tal-oriġini, grupp soċjali partikolari jista' jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni jew orjentazzjoni sesswali. L-orjentazzjoni sesswali ma tistax tinftiehem li tinkludi atti meqjusa bħala atti kriminali f'Malta. Is-sess u aspetti relatati mas-sess, inklużi l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess, għandhom jingħataw konsiderazzjoni xierqa għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sħubija ma' grupp soċjali partikolari jew l-identifikazzjoni ta' karatteristika ta' dan il-grupp;".

Emenda tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

29. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Il-benefiċjarji tal-protezzjoni umanitarja temporanja għandhom ikunu intitolati għall-istess drittijiet u benefiċċji bħal dawk għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja; iżda d-durata tal-protezzjoni għall-benefiċjarji tal-protezzjoni umanitarja temporanja għandha tkun ta' sena u għandha tiġi mġedda. Dokumenti maħruġa lil dawn il-persuni għandu jkollhom l-istess perjodu ta' validità bħal tal-protezzjoni tagħhom.".

TAQSIMA III
Emendi tal-Liġijiet ta' Malta

Emendi għal-Liġijiet ta' Malta.

30. Il-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) kwalunkwe referenza f'kull liġi oħra għall-"Kummissarju" li tfisser il-Kummissarju għar-Rifuġjati għandha tinqara u tinftiehem, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, bħala referenza għall-"Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali";

(b) kwalunkwe referenza f'kull liġi oħra għall-"Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati" għandha tinqara u tinftiehem, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, bħala referenza għall-"Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali";

(ċ) kwalunkwe referenza fi kwalunkwe liġi oħra għall-"Assistenti Kummissarji" li tfisser l-Assistenti Kummissarji tar-Rifuġjati għandha tinqara u tinftiehem, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, bħala referenza għal "Deputat tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali"; u

(d) kwalunkwe referenza għall-"Bord ta' Appelli għar-Rifuġjati" għandha tinqara u tinftiehem, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, bħala referenza għat-"Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 366 tad-29 ta' Lulju, 2020.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati